**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 200/23 AL

A B

u

C B

(M.R. Numru 2477/2012)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponew:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Settembru 2012 (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal; Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Reuben Debono mil-erba ta' Marzu 2019 (Ara Dok B anness);
2. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum

ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponenti fforma rabtiet ma' persuni ohrajn.

3. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut u dana a tenur tal-klawsola 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni [Dok B anness].

4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet:

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien inholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' April  2023;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-4 ta' Marzu, 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.